# SETTEMBRU

(*Ta'* Wallace Gulia)

Il-lum iż-żmien tal-qamħ li jroxx samrani
Mill-idejn ratba, taħt id-dell tad-dwieli,
Bil-għeneb mimli, tond, bl-inbid sakrani,
Li saff l-għajxien mill-art fil-jiem u l-ljieli.

Il-lum iż-żmien ta' baħar li bil-ħlewwa
Ifexfex fuq il-blat, u bħal jissajja,
Mal-qlugħ li jgħaddi fuq ix-xefaq sewwa,
Mimli bin-nifs, u jaqla' 'l bogħod mill-plajja.

Il-lum iż-żmien ta' qamar li jitbiegħed
Mill-art u jmut qalb il-ħajbur leqqien;
Mistħi, musfar, u qisu jrid jitqiegħed
Fid-dlam ħa jorqod, bgħid mill-ħsieb għajjien.

Irqad u Ħajja! U magħhom qed jitrabba,
Tilmaħ għasfur ipespes ġmiel l-Imħabba!